MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 974/1999/1

**Godfrey u Helen konjugi Sciberras u**
**Arjakon Limited ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Vs**

**Palm Travel Lmited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghadhiex tkun ikkundanna li thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti rappresentanti danni minnhom sofferti wara li s-socjeta Palm Travel Limited naqset li tikkonferma l-biljetti tal-ajru taghhom relattivi ghat-titjira Larnaca – Telaviv tal-11 ta' Jannar 1999, previja dikjarazzjoni li s-socjeta attrici hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tas-27 ta' Jannar 1999 u tad-9 ta' Frar 1999 u l-imghax relattiv sal-

pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni. Ghall-fini tal-kompetenza l-valur ma jeccediex l-elf lira Maltin.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 5 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

Illi fil-konfront taghha d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi s-socjeta' konvenut dejjem agixxiet bhala agent tas-socjeta' Cyprus Airways wara li dina kienet ikkonfermatilha l-bookings Larnaca –Tel Aviv u ghalhekk jekk l-atturi soffrew xi danni sofrewhom minhabba nuqqasijiet tal-imsemmija Cyprus Airways li ghandha tigi kkjamata fil-kawza.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005, din il-kawza giet iddiferita ghas-sentenza wara li fl-istess seduta, is-socjeta konvenuta ma kienitx dehret quddiem din il-Qorti sabiex jsir il-kontro esami tal-atturi u l-istess socjeta tiproduci l-provi taghha (ara ukoll fol 87 tal-atti). Ghalhekk l-istess Qorti setghet tikkunsidra, biss, il-provi prodotti mill-atturi u li kienu kif ser jinghad:-

a) Permezz ta' "<u>affidavit</u>" l-attur (fol 13 u fol 36 et seq ibid), hu spjega li hu u martu kienu gew mistednin sabiex jattendu ghal konferenza li kienet ser tinzamm fl-Israel u dan ghad-distributuri ta' prodotti tad-ditta imsemmija fl-istess affidavit u dan ghall-perjodu bejn it-12 u l-14 ta' Jannar 1999. Ghal dan il-ghan l-atturi ghamlu 'booking' mas-socjeta konvenuta in konnessjoni mat-titjiriet kollha u l-akkomodazzjoni f'Cipru 'in transit' peress li t-trangitt minn Malta lejn l-israel kellu jsir ma Larnaca f'Cipru. Sussegwentement, l-istess 'booking' kien gie konfermat permezz ta 'faxes' (ara fol 64 tal-atti). Pero, meta, waslu f'Cipru u saru l-verifiki kollha inkluz mac-check in desk' u

dan saghtejn qabel ma' kellha titlaq it-tijira lejn Israel, l-atturi kienu gew informati "li l-agent tal-ivvjaggar taghna ma kienx ikkonferma t-titjira taghna ghal Tel Aviv u ghalhekk il-biljetti taghna gew kancellati". In oltre ftit qabel l-istess titjira, huma gew, finalment informati li "… l-ajruplan kien mimli kollu" ossija "… li ma kien hemm l-ebda post". L-istess attur sema' illi kien gie informat "… illi dan kien zball tal-agent tal-ivvjaggar ghaliex meta l-ajruport ta' Larnaka baghat fax lill-imsemmija Palm Travel Ltd biex, jikkonfermaw, dawn tal-ahhar ma irrispondewx' bil-konsegwenza li l-biljetti tal-atturi gew ikkancellati. Bhala konsegwenza l-atturi ma setghux jattendu ghall-imsemmija konferenza u b'hekk irritornaw lura Malta.

b) L-attrici, permezz tax-xhieda taghha "viva voce" (fol 88 u fol 89 ibid) ikkonfermat dak kollu kontenut fl-'affidavit ta' zewgha kif hemm fuq sintetizzat flimkien mad-dokumenti esebiti, ukoll, mill-istess zewgha.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-eccezzjoni kif sottomessa mis-socjeta konvenuta, ma jidhirx illi din tista 'tigi akkolta mill-lat legali stante li s-socjeta hemm specifikata hi socjeta estera u ma ingiebet ebda prova li dan il-kaz jista' jikkwalifika taht l-aritkolu 742(1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess u fin-nuqqas ta' prova kontrarja, jidher car u evidenti li s-socjeta konvenuta kienet negligenti fl-esekuzzjoni ta' din l-obligazzjoni u ghalhekk ghandha tigi ritentua responsabbli ghad-danni kollha bhala "damnum emergens" kif sostanzjati mid-dokumenti esebiti mill-attur mal-'affidavit' sottomess minnu. A basi tal-istess dokumenti jidher li l-istess danni jammontaw komplessivament ghal Lm791.16 konsistenti f'arlogg, biljetti u telefonati kif sostanzjata mid-dokumenti esebiti mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm791 bl-imghax legali mill-25 ta' Gunju

1999 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-27 ta' Jannar 1999 u tad-9 ta' Frar 1999.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------